MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2011

Talba Numru. 1006/2010

Mobisle Communications Limited (C24655).

Vs

Gaetano Farrugia (Id 510759M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' erba mija, hamsa u tletin ewro u erba u sittin centezmu (€435.64) minghand il-konvenut, rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut minnu ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici skond diversi kontijiet mibghuta lilu fuq kuntratt bin-numru 419176 u dana fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u 2009. Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' Dicembru 2009, u dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma dan l-Avviz, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra l-verbal tas-seduta tat-18 ta' Mejju 2011 fejn deher il-konvenut u ammetta t-talba attrici kif dedotta kontra tieghu.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' erba mija, hamsa u tletin ewro u erba u sittin centezmu (€435.64), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Avv. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------